**Il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Louis Galea ressaq din l-Emenda "A":-**

Ħassar il-paragrafi wara l-ewwel żewġ premessi (paragrafi) u ssostitwixxi b'dan li ġej:

Billi kulħadd jaqbel li huwa ta' l-akbar siwi li wliedna jiksbu l-aħjar għarfien tal-wirt u l-valuri ta' l-Ewropa bħala parti sinifikattiva tal-wirt komuni ta' l-umanita' kollha kemm hi;

Billi hawn qbil sħiħ li l-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea, li magħha għandna l-biċċa l-kbira ta' l-iskambji ekonomiċi u kummerċjali, huwa l-aħjar żvilupp li seħħ fl-Ewropa wara l-aħħar gwerra li jiggarantaxxi lill-popli Ewropej sigurta', sliem, liberta', demokrazija u prosperita';

Din il-Kamra tapprova li:

- fit-tagħlim dwar l-Ewropa jibqa' jitħalla barra, kif qiegħed jitħalla, kull spirtu ta' politika partiġjana u t-tagħlim jingħata sewwasew fil-perspettiva tal-Kurrikulu Nazzjonali li fuqu hemm qbil ġenerali;

- minbarra li l-iskejjel irawmu lill-ġenerazzjonijiet li telgħin ta' Maltin u Għawdxin fil-ħiliet meħtieġa biex jipprovdulhom ħidma u għajxien tajba fis-seklu 21, ma jonqsux milli jipprovduhom ukoll bil-għodda meħtieġa biex jgħarblu l-iskop tal-ħidma u l-għajxien, ħalli dawn il-ġenerazzjonijiet jagħmlu għażliet ħielsa u meqjusa dwar il-valuri li għandhom ifittxu f'ħajjithom, fosthom ir-rispett tal-verita' u l-istmerrija għat-tgħawwiġ tal-fatti bi skop politiku partiġjan.".

**L-Emenda "A" għaddiet.**

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet.**